- *stħarriġ ġudizzjarju tat-Tribunali kważi-ġudizzjarji*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Nru. 190/2022 GM**

**Pierre Cremona [K.I. nru. 286273M]**

**vs**

**Bord tal-Parole**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Pierre Cremona li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Lura fis-sena 2020, ir-rikorrent ġie lilu konċess il-benefiċċju tal-*parole* b'għadd ta' kondizzjonijiet u dana a tenur tal-artikolu 14 tal-Kap. 216 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tali benefiċċju ġie *in segwitu* revokat mill-intimat Bord tal-Parole bil-konsegwenza li r-rikorrent ġie mibgħut lura l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex ikompli jiskonta l-bqija tal-piena karċerarja tiegħu.

3. *Di piu,* billi l-benefiċċju tal-*parole* ġie revokat, ir-rikorrent ma baqax iżjed eliġibbli sabiex jerġa' japplika għall-*parole* tul il-perjodu tal-piena li huwa qiegħed

preżentament jiskonta ġewwa l-Faċilita' Korretiva ta' Kordin u dana ai termini tal-Artikolu 16 tal-Kap 516 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' affidavit maħluf quddiem in-Nutar Dr. Robert J. Felice [Dok. A], Stefano Montebello [K.I nru. 052585M] stqarr illi waqt li huwa kien qiegħed jiskonta l-piena tiegħu flimkien mar-rikorrent ġewwa r-*Rehabilitation in Society Malta Foundation* (RISe), huwa kien fl-istess ħin jaħdem fuq barra flimkien mal-istess rikorrenti;

5. L-istess Stefano Montebello u r-rikorrenti spiċċaw kellhom xi jgħidu fuq pagament li Montebello kellu jirċievi mingħand ir-rikorrent fuq xogħol relatat ma' kisi u tibjid. Fl-affidavit su riferit, is-Sur Montebello jisħaqq li r-rikorrent baqa' ma ħallsux anke wara li huwa skonta l-piena tiegħu u ħareġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin f'Ottubru tas-sena 2020, f'liema perjodu ta' żmien, ir-rikorrent kien qiegħed barra fuq *parole.*

6. F'Novembru tas-sena 2020, ir-rikorrent u Stefano Montebello ħadmu flimkien fuq biċċa xogħol oħra relatata ma' kisi u tibjid ġewwa appartament f'San Ġwann. Sa dan il-punt, ir-rikorrent kien għadu ma ħallasx dak dovut lil Montebello u bħala tpattija, l-istess Montebello kien iddeċieda li jċappas lir-rikorrent billi offrielu tazza ilma li fih kien tefa' ammont żgħir tas-sustanza kokaijna. Dan naturalment sar bl-intiża speċifika malizzjuża li r-rikorrent jispiċċa bil-liċenzja tal-*parole* tiegħu revokata.

7. *Di fatti,* r-rikorrenti, proprju għal din ir-raġuni, spiċċa tilef il-benefiċċju tal-*parole* intortament u per konsegwenza reġa' daħal jiskonta l-piena karċerarja tiegħu ġewwa l-Faċilita' Korretiva ta' Kordin.

8. *In segwitu*, nhar l-14 ta' Jannar tas-sena 2022, l-avukat sottoskirtt, għan-nom u in rappreżentanza tar-rikorrent, bagħat ittra [Dok. B] lill-intimat Bord fejn fiha spjega x' verament kien seħħ u li magħha ħemeż l-affidavit maħluf tas-Sur Stefano Montebello [Dok. A];

9. Permezz ta' din l-istess ittra [Dok. B], l-avukat sottoskritt, għan-nom u in rappresentanza tar-rikorrent talab li tiġi riveduta d-deċiżjoni li ħa l-intimat Bord li biha rrevoka l-benefiċċju tal-*parole* tar-rikorrenti u *di piu* ntalab ukoll li r-rikorrent, in vista taċ-ċirkostanzi straordinarji li jsawru l-każ odjern, jerġa' jingħata l-*parole* fil-qafas tal-Kap 516 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. Eventwalment, permezz ta' *email* datat nhar is-27 ta' Jannar 2022, l-avukat sottoskritt rċieva d-deċiżjoni finali tal-intimat Bord [Dok. Ċ] fejn ċaħad it-talba mressqa għan-nom tar-rikorrent fl-ittra supra-indikata.

11. Tali deċiżjoni, kif dina l-Onorabbli Qorti ċertament sejra tapprezza, hija xotta għall-aħħar u hija nieqsa minn spegazzjoni jew motivazzjoni. Prattikament tali deċiżjoni tgħid biss li t-talba ġiet miċħuda għaliex l-intimat Bord "... ma jistax ivarja d-deċiżjoni tiegħu fuq dokumenti simili" mingħajr ma jindika l-bażi legali li fuqha tali deċiżjoni hija msejsa.

12. Din d-deċiżjoni tagħmel biss referenza ġenerika għal "dokumenti" mingħajr ma hemm ippreċiżat eżattament għal-liema dokumenti qiegħda ssir referenza. Lanqas ma huwa ċar fejn ried eżatt jasal u x'ried eżattament ifisser l-intimat Bord bil-kliem "... f'kull każ lanqas jifforma parti minn xi proċedura Ġudizzjarja."

13. Effettivament, l-intimat Bord jonqos milli jispjega għal liema dokumenti huwa qiegħed jirreferi u r-raġuni għalfejn l-intimat Bord, skont hu, huwa legalment prekluż milli jvarja d-deċiżjoni tiegħu.

14. Huwa ċertament neċessarju li deċiżjoni jkun fiha r-raġunament għaliex min iddeċieda jkun wasal għal tali deċiżjoni u din ma hijiex kwistjoni sempliċi li l-ġudikant naqas li jagħti risposta dettaljata għal kull argument iżda li effettivament l-istess deċiżjoni hija bla motivazzjoni għax naqqset li tittratta u tiddeċiedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet;

15. Kwindi, fl-umli fehma tar-rikorrenti, tali deċiżjoni *ossia* dik mogħtija mill-intimat Bord permezz tal-*email* datat nhar is-27 ta' Jannar 2022, tivvjola l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, senjatament il-prinċipju ta' *duty to give reasons* u dana bi ksur flagranti tal-artikolu 469A (1)(b)(ii) u (iii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

16. Ċertament, id-deċiżjoni tal-intimat Bord datata nhar is-27 ta' Jannar 2022 ma hix sorretta bid-debita raġunijiet u motivazzjonijiet kif trid il-liġi u kwindi tivvjola l-prinċipji tal-ġustizzja naturali tar-rikorrent. Din ma kinitx xi deċiżjoni pwerili jew frivola iżda kienet tfisser li r-rikorrent ser jibqa' miżmum inkarċerat ġewwa l-Faċilita' Korretiva ta' Kordin intortament meta suppost huwa qiegħed barra fuq *parole*. Tali deċiżjoni tfisser ukoll li r-rikorrenti huwa għal kollox impedit milli jerġa' jingħata l-benefiċċju tal-*parole* ġaladarba l-liċenżja ġiet revokata.

17. Dan l-aġir, fl-umli fehma tar-rikorrenti huwa bi ksur tal-obbligi tal-liġi amministrattiva u l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li d-deċiżjoni, mibgħuta tramite *email* mill-intimat Bord, datata nhar is-27 ta' Jannar 2022 [Dok. Ċ] hija nulla, invalida, u mingħajr effett, u dan għar-raġunijiet provduti mill-artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna, fid-dawl tal-fatti straordinarji li jsawru l-mertu ta' dan il-każ, li jerġa' jiġi konċess lir-rikorrenti l-benefiċċju tal-*parole*, ġialadarba r-revoka tal-liċenzja tiegħu tal-*parole* kienet unikament kaġjonata minn azzjoni kriminuża ta' terz *ossia* ta' Stefano Montebello;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li b'konsegwenza ta' dak li ġara *ossia* b'konsegwenza ta' dak li r-rikorrenti intortament ġarrab, huwa sofra danni, u tikkonferma illi l-intimat Bord huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

4. Tillikwida d-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lill-intimat Bord sabiex iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Bord tal-Parole li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. In linea preliminari l-esponent jeċepixxi illi d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Parole ma jikkostitwux għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta u għaldaqstant kwalunkwe deċiżjoni tal-Bord tal-Parole mhijiex sindakabbli ai termini tal-artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta u dan anke kif ikkonfermaw il-Qrati tagħna.

2. In linea preliminari wkoll, in kwantu li r-rikorrenti qiegħed jitlob fit-tieni talba tiegħu rimedju speċifiku sabiex saħansitra jerġa' jiġi konċess lilu l-benefiċċju tal-parole, l-esponent jeċepixxi li tali talba hija improponibbli u dan peress li f`kawża ta` stħarriġ ġuddizjarju ta` għemil amministrattiv il-Qorti hija prekluza milli tagħti rimedju bħal dak mitlub iżda hija limitata biex tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni għaliex il-Qorti ma tistax tieħu d-deċiżjoni hi minflok l-awtorita` kompetenti. Semmai, f`każ li l-Qorti tiddeċiedi li tħassar xi deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Parole, il-kwistjoni għandha tiġi rimessa mill-ġdid lill-Bord tal-Parole biex hu jieħu d-deċiżjoni tiegħu fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti.

3. Fil-mertu jiġi rilevat li r-rikorrent kien ingħata liċenzja biex jibbenefika mill-parole ai termini tal-Kap 516 u L.S. 516.02 tal-Liġijiet ta` Malta liema liċenzja ingħatat b`effett mis-17 ta' Lulju 2020. Waħda mill-kundizzjonijiet speċjali li kellu josserva r-rikorrenti waqt il-perjodu li kien taħt parole kienet li jittieħdulu testijiet tal-urina tal-inqas tliet darbiet fix-xahar u *at random* skont id-direzzjoni mogħtija lilu mill-Uffiċjal tal-Parole. Ġara li b'nota datata 11 ta' Jannar 2021 l-Uffiċjal tal-Parole għarraf liċ-Chairman tal-Bord tal-Parole li r-rikorrenti kien irriżulta pożittiv għas-sustanza illeċita kokajina f'żewġ testijiet separati li kien għamel waħda fis-17 ta` Diċembru 2020 u l-oħra fil-11 ta` Jannar 2021. Fit-8 ta` Jannar 2021 ir-rikorrenti naqas li jattendi seduta mal-uffiċjal tal-Parole biex jagħti kampjun ieħor tal-urina u lanqas ta spjegazzjoni għal dan in-nuqqas. In vista ta` dan kollu u wara li għamel verifiki ulterjuri, l-Bord tal-Parole ddeċieda li jirrevoka l-liċenzja tal-Parole lir-rikorrenti b'deċiżjoni datata 19 ta' Jannar 2021 liema deċiżjoni hija waħda motivata ferm. Sussegwentement, ir-rikorrenti, tramite l-avukati tiegħu Dr Franco Debono u Dr Francesca Zarb, bagħat ittra lil Probation and Parole Services datata 8 ta' Marzu 2021 fejn biha talab li d-deċiżjoni tad-19 ta` Jannar 2021 tiġi revokata. Madanakollu, wara li ħa parir legali, l-Bord iddeċieda li l-każ huwa magħluq u li għalhekk ma kienx hemm lok biex id-deċiżjoni tiġi riveduta. Il-Bord mexa mal-liġi u mal-obbligi tiegħu kif preskritti mil-liġi.

4. L-azzjoni odjerna hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Bord tal-Parole dejjem aġixxa b'mod li jissodisfa l-obbligi proċedurali kontenuti fl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516) u r-Regolamenti dwar il-Bord tal-Parole (L.S. 516.02) u ssodisfa l-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

5. L-esponent jirrileva li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali mhumiex prinċipji riġidi iżda wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha li fihom ittieħdet id-deċiżjoni sabiex jasal għal konkluzjoni dwar jekk dawk il-prinċipji ġewx segwiti jew le.

6. Dwar l-affidavit li ġie anness mar-rikors promotur ta` Stefano Montebello jiġi rilevat li ġaladarba kif jgħid ir-rikorrent stess dan jikkostitwixxi azzjoni kriminuża mela allura tali dokument ser jiġi riferut lill-Kummissarju tal-Pulizija għal aktar investigazzjoni min-naħa tiegħu. Fi kwalunkwe każ irid jingħad li dak li jiddikjara Stefano Montebello fl-affidavit huwa nieqes minn ċertu dettalji bażiċi u l-attendibilita` ta` dak li jgħid huwa ċertament dubjuż.

7. L-esponent jirrileva illi għalkemm ir-rikorrent ma deherx personalment quddiem il-Bord tal-Parole, hu kellu kuntatt dirett u kontinwu u ingħata l-opportunita` li jitkellem mal-persuni/entitajiet li ssottomettew l-informazzjoni sabiex il-Bord tal-Parole seta` jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni sabiex il-parole jiġi revokat, il-Bord tal-Parole kellu quddiemu rapporti ta` persuni u entitajiet li kellhom kuntatt dirett mar-rikorenti u għaldaqstant kwalunkwe informazzjoni li kienet neċessarja sabiex il-Bord seta' jasal għall-deċiżjoni tiegħu kienet disponibbli għalih.

8. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Parole huma ġusti, skont il-liġi u ma jimmeritawx reviżjoni.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidrat:

L-attur qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija. Ingħata liċenzja biex igawdi mill-parole. Waħda mill-kundizzjonijiet kienet li jittiħdulu testijiet tal-urina. F'żewġ testijiet irriżulta pożittiv għall-kokajina. B'deċiżjoni tad-19 ta' Jannar 2021 il-Bord konvenut irrevoka l-liċenza tal-parole. L-attur talbu jirrevedi d-deċiżjoni iżda t-talba ġiet miċħuda. Għalhekk fetaħ din il-kawża.

Il-konvenut jeċepixxi illi d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Parole ma jikkostitwux għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta` Malta u għaldaqstant mhumiex sindakabbli taħt din il-liġi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jispjega din l-eċċezzjoni billi jsostni li din id-disposizzjoni tapplika għal għemil amministrattiv esegwit minn awtorita` pubblika iżda l-Bord mhuwiex awtorita` pubblika. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tiegħu hija kważi-ġudizzjarja u għalhekk ma taqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv.

Ikkunsidrat:

Skont Art 469A(2), "għemil amministrattiv" ifisser "**il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għat-talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika**" filwaqt li awtorita` pubblika "**tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħdud kostitwit permezz ta' liġi**."

Id-definizzjoni ta' għemil amministrattiv hija waħda wiesgha ħafna. Id-deċiżjoni tal-Bord hija appuntu "**deċiżjoni"** kif ukoll **"ir-rifjut għal talba ta' xi persuna"**. Iżda għalkemm hija wiesa' mmens, il-liġi tpoġġi limitazzjoni: id-deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna jinħtieġ li tkun saret minn awtorita` pubblika. Issa bla dubju, l-Bord huwa organu tal-Istat u bħala tali ċertament huwa awtorita` pubblika u mhux xi entita` privata. Dan skont it-tifsira ordinarja tagħha. Iżda l-liġi, għall-fini tal-Art. 469A, tpoġġi limitazzjoni: mhux kull awtorita` pubblika taqa' taħt il-parametri ta' din id-disposizzjoni imma biss dawk l-entitajiet li hija ssemmi espressament. Il-Bord iżda ċertament m'huwiex **"Ministeru"**, m'huwiex **"dipartiment"** ta' Ministeru; m'huwiex **"awtorita` lokali"** u lanqas huwa **"korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi"**. Il-Bord huwa mwaqqaf b'liġi – l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi iżda mhuwiex korp magħqud. L-Onorabbli Qorti tal-Appell tat għadd ta' sentenzi li interpretaw l-

Art. 469A f'dan is-sens.[1] Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni, anke jekk hemm xi sentenzi li jgħidu mod ieħor[2], għaliex tqisha l-unika waħda konformi mal-ittra tal-liġi. Barra minn hekk, din il-Qorti, diversament ippreseduta, diġa` tat sentenza li teskludi l-applikazzjoni tal-Art. 469A fil-konfront tal-Bord tal-Parole. F'dik is-sentenza, il-Qorti warrbet is-sottomissjoni – ukoll magħmula f'din il-kawża mill-attur - li l-funzjoni tal-Bord hija waħda purament amministrattiva.

Din il-Qorti, kif issa ppreseduta, hi tal-fehma li l-kriterju mhuwiex daqstant jekk il-funzjoni attakkata hix amministrattiva jew ġudizzjarja (inkella kważi-ġudizzjarja) imma wieħed ikun iktar preċiż jekk jistaqsi jekk il-Bord jaqax taħt id-definizzjoni ta' awtorita` pubblika jew le. Dan jevita d-diffikulta` li spiss tqum biex wieħed jiddistingwi bejn għemil amministrattiv u għemil ġudizzjarju jew, kważi-ġudizzjarju anke għaliex spiss dawn iż-żewġ funzjonijiet ikunu mħalltin flimkien; u xi drabi jkun jipprevali l-element amministrattiv u drabi oħrajn l-element ġudizzjarju.

Il-Qorti tifhem li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba taħt l-artikolu 469A hija waħda mill-proċedimenti speċjali ta' azzjonijiet tal-Gvern li jitolbu l-ħarsien ta' kundizzjonijiet partikolari. Għalhekk biex tiġi applikata jinħtieġ li ma jkun hemm l-ebda dubju dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet jokkorrux jew le. Dan ma jfissirx li jkun qiegħed jiġi ristrett l-istħarriġ ġudizzjarju. Sa minn żmien twil qabel l-introduzzjoni tal-Art. 469A, din il-Qorti affermat li għandha setgħa ġenerali, taħt l-Art. 32(2) tal-kodiċi ritwali, biex tistħarreġ l-imġieba ta' kull tribunal kważi-ġudizzjarju maħluq bil-liġi, għaliex, fi Stat ta' Dritt, ħadd m'hu meħlus mir-rabta li jimxi kif tridu l-liġi.[3]

---

[1] Ara App. Ċiv. 18.10.1996 fil-kawża fl-ismijiet Avv. Anthony P. Farruġia vs Kummissjoni Elettorali et (mhix pubblikata) u App. Ċiv. 3.3.2006 fil-kawża fl-ismijiet Direttur Ġenerali tal-Qrati vs Pinu Axiaq; App. Ċiv. 19.1.2010 fil-kawża fl-ismijiet General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.

[2] ara per eżempju Kummissarju tal-Pulizija v Edgar Borg 28.10.2005 Prim'Awla.

[3] Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1901 fl-ismijiet **Riccardo Ullo Xuereb v. Enrico Magro:** *"E` vero che dove esistono tribunali rivestiti della giurisdizione di prendere cognizione e giudicare di questioni di amministrazione, quei tribunali, e non il tribunale civile, sarebbero competenti a giudicare controversie simili alla presente; ma e` vero, altresi`, che sarebbe esorbitante se, per difetto di esistenza presso di noi di quei tribunali, nessun altro degli esistenti potesse giudicarne; cio condurrebbe a fare del Direttore delle Scuole, o del Consiglio Universitario, o una persona, o un corpo ex lege, i cui atti amministrativi sarebbero arbitrari in quanto non criticabili innanzi al potere giudiziario e correggibili dalla stesso. Che*

L-attur iżda jibbaża l-azzjoni tiegħu speċifikament fuq l-Art. 469A u għalhekk il-Qorti, li ma tistax tiddeċiedi *extra petita,* għandha jdejha marbutin.

Għalhekk, ma għad fadal l-ebda siwi li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ ukoll l-eċċezzjoni preliminari l-oħra, minħabba li l-kawża kif mibdija mill-attur tmur lil hinn mis-setgħa tagħha li tismagħha. Dan iġib miegħu l-effett tal-ħelsien mill-ġudizzju tal-Bord. Dan kollu qiegħed jingħad bla ħsara għal kull rimedju ieħor li l-attur jista' jkollu taħt il-liġi biex jikseb ir-rimedju minnu mitlub f'din il-kawża.

**Decide;**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Bord bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u b'hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

2. Tordna li l-attur iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Moqrija.

ONOR IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

---

*inoltre la disposizione dell'articolo 41 delle Leggi di Procedura Civile, assoggettando alla giurisdizione di quella Corte tutte le cause di natura civile, e tutte altre per espressa disposizione di legge commessele, o da essa fin ora solite conoscersi, e sulle quali nulla avessero innovato le dette Leggi di Procedura, rende quella Corte competente a prendere cognizione della presente causa e giudicarne ..."* ' L-Artikolu 32(1) qabel ma gie sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995 kien jaqra hekk: *"Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta' natura civili, u dak il- kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s'issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma biddel dan il-Kodici."*